Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

P9_TA(2020)0227

Massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE (2020/2070(INI))

(2021/C 385/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017,

— wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Pjaneta Nadifa għal kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" (COM(2018)0773),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi" (COM(2011)0571) u l-impronta ambjentali tal-prodotti mħabbra fiha,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-28 ta' April 2020 bit-titolu: "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija maħsuba biex jiżguraw it-tranżizzjoni enerġetika u l-ilħuq tal-objettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn,

— wara li kkunsidra l-"Patt ta' Amsterdam – l-Aġenda Urbana għall-UE" maqbul fil-laqgħa informali tal-Ministri tal-UE responsabbli għal kwistjonijiet urbani fit-30 ta' Mejju 2016,

— wara li kkunsidra l-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli adottata fil-laqgħa informali tal-Ministri tal-UE responsabbli għall-iżvilupp urban fl-24 u l-25 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija ([1]),

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([8]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([9]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar it-tibdil fil-klima – viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-varar tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea: wasal iż-żmien li naġixxu! ([14]),

---

([2]) ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75.
([3]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
([4]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.
([5]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.
([6]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.
([7]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.
([8]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
([9]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([10]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([11]) Testi adottati, P9_TA(2020)0001.
([12]) Testi adottati, P9_TA(2019)0078.
([13]) Testi adottati, P8_TA(2019)0217.
([14]) Testi adottati, P8_TA(2018)0438.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2018 dwar l-aċċelerazzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa ([15]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar Lejn Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ ([17]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0134/2020),

A. billi l-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija u 36 % tal-emissjonijiet ta' CO_2 fl-UE u għalhekk, ir-rinnovazzjoni estensiva tiegħu, inkluża rinnovazzjoni estensiva fi stadji, hija kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) żero netti sal-2050;

B. billi s-settur tal-bini huwa l-akbar konsumatur tal-enerġija fl-UE, u 97 % tal-istokk tal-bini tal-UE mhuwiex effiċjenti fl-enerġija, b'0,2 % biss tal-bini residenzjali tal-UE soġġetti għal rinnovazzjonijiet estensivi, inklużi rinnovazzjonijiet estensivi fi stadji, kull sena, u billi aktar minn 94 % tal-bini tal-lum xorta se jkun għadu jeżisti fl-2050, u l-biċċa l-kbira tad-djar, l-iskejjel u l-uffiċċji li se nkunu qed nokkupaw dak iż-żmien diġà nbnew;

C. billi t-tisħin tal-ispazju u tal-ilma jammonta għal madwar 80 % tal-konsum tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi, billi nofs il-bini tal-UE għandu bojlers individwali li ġew installati qabel l-1992, b'effiċjenza ta' 60 % jew inqas, u billi 22 % tal-bojlers tal-gass individwali, 34 % tal-ħiters elettriċi diretti, 47 % tal-bojlers taż-żejt u 58 % tal-bojlers tal-faħam qabżu l-ħajja teknika tagħhom;

D. billi ż-żieda fir-rati ta' rinnovazzjoni għal kważi 3 % u r-rinnovazzjoni ta' 210 miljun bini eżistenti jistgħu joħolqu sa 2 miljun impjieg ([18]) fis-settur tal-kostruzzjoni, li jammonta għal madwar 9 % tal-PDG tal-Unjoni u dan hu parti importanti mill-istrateġija ta' rkupru wara l-kriżi tal-COVID-19, u jista' jikkontribwixxi għal ekonomija nadifa bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew;

E. billi l-Osservatorju tal-Istokk tal-Bini (BSO) tal-UE għandu rwol ewlieni fil-monitoraġġ u t-titjib tar-rendiment ġenerali tal-bini fl-użu tal-enerġija fl-UE permezz ta' data li hija affidabbli, konsistenti u li faċli tiġi mqabbla;

F. billi l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha tista' titjieb billi jittieħdu miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini tal-UE, u għalhekk l-isfida ewlenija hija li jittaffa l-piż fuq il-50 miljun unità domestika fl-Unjoni Ewropea stmati li qed jesperjenzaw faqar enerġetiku, jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u tkun disponibbli akkomodazzjoni komda, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal kulħadd;

([15]) ĠU C 463, 21.12.2018, p. 10.
([16]) ĠU C 204, 13.6.2018, p. 23.
([17]) ĠU C 204, 13.6.2018, p. 35.
([18]) Ürge-Vorsatz, Diana, Tillo-Herrero, Sergio, Fegyverneky, Sándor, Arena, Daniele, Butcher, Andrew u Teledy, Almos, *Employment Impacts of a Large-Scale Deep Building Energy Retrofit Programme in Hungary* , 2010; Janssen, Rod and Staniaszek, Dan, *How Many Jobs? A Survey of the Employment Effects of Investment in Energy Efficiency of Buildings*, The Energy Efficiency Industrial Forum, 2012.

G. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tistma li n-nies iqattgħu madwar 90 % tal-ħin tagħhom ġewwa, f'bini residenzjali u mhux residenzjali, u li kull sena aktar minn nofs miljun Ewropew imutu qabel iż-żmien minħabba kwalità ta' arja ħażina ġewwa l-bini ([19]), u billi ventilazzjoni tajba bil-ftuħ ta' twieqi ttejjeb il-kwalità tal-arja fid-djar tan-nies kif ukoll tipprovdi dawl naturali, b'ħekk tagħmilhom aktar b'saħħithom, u dan sar ċentrali speċjalment matul il-kriżi attwali tal-COVID-19;

H. billi hu talab li "d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (EED) u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-Binjiet (EEBD) jiġu riveduti skont l-ambizzjoni klimatika akbar tal-UE, u li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi mqawwija, permezz ta' miri nazzjonali vinkolanti" ([20]);

I. billi 'l fuq minn EUR 282 biljun permezz ta' investiment fir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini Ewropew, kif ukoll kombinazzjoni intelliġenti ta' implimentazzjoni rigoruża ta' politiki eżistenti, inizjattivi ġodda ta' politika għat-tneħħija gradwali ta' bini bl-agħar rendiment ta' enerġija, mekkaniżmi ta' finanzjament ulterjuri u adegwati, u investimenti f'soluzzjonijiet innovattivi huma meħtieġa biex jinkiseb stokk ta' bini effiċjenti fl-enerġija, kif ukoll il-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar l-effiċjenza enerġetika;

J. billi l-programmi integrati għar-rinnovazzjoni (IRPs) għandhom l-għan li jkunu olistiċi, billi jpoġġu l-effiċjenza enerġetika l-ewwel, u billi jiffokaw fuq l-ekosistemi tal-viċinat usa', filwaqt li jiġbru fihom miri għoljin tat-tnaqqis fl-użu tal-enerġija għall-bini individwali, huma bbażati fuq l-aħjar prattika u mifhuma bħala li jikkonsistu minn tliet pilastri ewlenin:

a) tipoloġija tal-kostruzzjoni u materjali tal-bini, li jirrikjedu għarfien profond tal-età, tal-użu u tal-metodu ta' kostruzzjoni tal-bini, u tal-potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija li jirrappreżentaw, kif ukoll deskrizzjonijiet tat-tipi ta' materjali li għandhom jintużaw matul il-proċess kollu ta' rinnovazzjoni, inkluż l-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

b) il-provvista ta' sorsi tal-enerġija sostenibbli u l-aċċess għalihom, jiġifieri enerġija rinnovabbli fuq il-post u fil-qrib, inklużi sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jew l-użu tal-kapaċità ta' ħażna termika tal-bini, servizzi V2X (vehicle-to-X) u possibilitajiet oħra ta' flessibbiltà li jippermettu integrazzjoni settorjali;

c) il-benefiċċji tal-komunità/tas-soċjetà, jiġifieri l-integrazzjoni tal-komunitajiet lokali fil-proġetti u l-programmi kollha ta' rinnovazzjoni tal-enerġija sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet bħall-faqar enerġetiku, in-nuqqas ta' riżorsi tekniċi u/jew finanzjarji u l-lakuni ta' informazzjoni;

K. billi l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ imsejjes fuq tliet pilastri tiżgura li l-IRPs huma mfassla u implimentati b'mod li jiffokaw fuq il-benefiċċji usa' li jistgħu jingħataw permezz ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija lin-nies u lill-komunitajiet bħall-effiċjenza enerġetika, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, il-kompetittività industrijali, is-sostenibbiltà, l-inklużjoni soċjali u l-aċċessibbiltà;

Il-viċinati u l-komunitajiet

1. Jenfasizza r-rwol tal-viċinati u l-komunitajiet, kif ukoll ta' atturi oħra bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-SMEs, fl-IRPs, bħala approċċ olistiku għar-rinnovazzjoni, sabiex jinkiseb settur tal-bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u newtrali għall-klima sal-2050 f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD);

2. Jitlob li l-politiki tal-bini u tar-rinnovazzjoni jkunu olistiċi u inklużivi, jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi tal-UE, jinkludu l-IRPs li jintegraw il-katini tal-valur lokali, is-servizzi soċjali u l-affordabbiltà, il-prontezza intelliġenti, klima ta' ġewwa u l-kwalità ambjentali tajba u adegwata, il-mobilità, il-funzjonijiet tal-bini tekniċi, industrijali u effiċjenti fl-enerġija,

([19]) Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: *Over half a million premature deaths annually in the European Region attributable to household and ambient air pollution* (Aktar minn nofs miljun ta' mwiet qabel iż-żmien kull sena fir-Reġjun Ewropew huma attribwibbli għat-tniġġis tal-arja ambjentali u fid-djar), 2018.

([20]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

u jippermettu l-produzzjoni u l-iskambju tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post jew fil-viċin, u flessibbiltà min-naħa tad-domanda, kif ukoll l-użu ta' sħana u kesħa eċċessiva minn faċilitajiet industrijali fil-qrib, sistemi tat-trasport lokali, jew passaġġi tal-ilma fejn din hija għażla sostenibbli;

3. Jenfasizza r-rwol importanti li ċ-ċittadini għandhom fir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini residenzjali u l-importanza li jinħolqu għodod effiċjenti, l-aħjar prattiki u li l-informazzjoni u l-għarfien kollu possibbli jsiru disponibbli fil-livell lokali inklużi opportunitajiet relatati mat-teknoloġiji (pereżempju arloġġi intelliġenti); jirrikonoxxi, barra minn hekk, l-impetu mogħti mill-komunitajiet tal-enerġija billi jġibu liċ-ċittadini flimkien, filwaqt li jinfurmawhom u jinvolvuhom biex jibdew ir-rinnovazzjonijiet u/jew il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli tagħhom stess, u jitlob pakkett komprensiv ta' miżuri ta' politika biex jiżdiedu dawn l-approċċi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-ġentrifikazzjoni u r-"rinnovizzjoni" tal-viċinati, kif ukoll id-disparitajiet bejn il-ġeneri u s-sitwazzjoni taċ-ċittadini vulnerabbli; iqis li approċċ komunitarju, flimkien mas-salvagwardji fil-livell regolatorju, jista' jippreserva l-komunitajiet eżistenti, kif ukoll joħloq inċentivi li huma essenzjali biex tiġi massimizzata l-effiċjenza enerġetika u biex isiru l-investimenti privati u pubbliċi meħtieġa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-aktar ċittadini vulnerabbli billi dawn jingħataw aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien dinjituż, kumditàu u saħħa u jenfasizza r-rwol importanti tal-akkomodazzjoni soċjali;

5. Jissottolinja l-fatt li s-sjieda tal-bini, il-liġijiet tal-kera u l-għadd ta' sidien tad-djar u ta' kerrejja kif ukoll l-opportunitajiet ta' investiment u l-iskemi ta' appoġġ fil-qasam tal-akkomodazzjoni, il-kundizzjonijiet tat-temp u s-sistemi tal-enerġija jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor; jemmen li strateġija ta' "mewġa ta' rinnovazzjoni" għandha tqis iċ-ċirkostanzi differenti rilevanti għal kull Stat Membru, anke skont il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima (NECPs); jissottolinja partikolarment il-fatt li dawn ir-rinnovazzjonijiet ma għandhomx iwasslu għal piż ta' spejjeż tal-kera mhux tollerabbli għall-kerrejja;

6. Jissottolinja l-ammont ta' faqar enerġetiku fl-UE kollha, li hu stmat li jaffettwa sa 50 miljun unità domestika ([21]); jemmen li l-mewġa ta' rinnovazzjoni u l-inizjattivi relatati li ġejjin għandu jkollhom bħala wieħed mill-objettivi ewlenin tagħhom l-eliminazzjoni tal-faqar enerġetiku u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tal-għajxien tajbin għas-saħħa u sikuri għal kulħadd; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti attenzjoni partikolari lir-rinnovazzjoni ta' unitajiet domestiċi li huma fqar fl-enerġija u jenfasizza l-importanza li jiġu adottati miżuri għall-iffrankar tal-enerġija, li jiġu promossi drawwiet ta' konsum effiċjenti fl-użu tal-enerġija u bidla fl-imġiba; jenfasizza li s-settur pubbliku jrid ikollu rwol mexxej f'dan il-qasam;

7. Jenfasizza s-suċċess immedjat ta' "punti uniċi ta' servizz", għar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini bħala għodod konsultattivi trasparenti u aċċessibbli mill-perspettiva tal-klijent, li jħeġġu l-aggregazzjoni ta' proġetti u ta' mudelli replikabbli, l-għoti ta' informazzjoni dwar finanzjament minn partijiet terzi, il-koordinazzjoni u r-rinnovazzjonijiet li jakkumpanjawhom, kif ukoll il-provvista ta' bini ta' kapaċità għal muniċipalitajiet, u l-involviment attiv ta' atturi lokali bħal komunitajiet tal-enerġija, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, assoċjazzjonijiet lokali tan-negozju, inkluż mill-industrija tal-kostruzzjoni, u kooperattivi tad-djar matul il-proċess;

8. Ifakkar li huma meħtieġa kemm l-isforzi pubbliċi kif ukoll dawk privati biex jinkisbu riżultati konkreti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika għall-istokk tal-bini attwali; jissottolinja l-ħtieġa li mhux biss jinħolqu dawn is-servizzi ta' punt uniku ta' servizz iżda anke li jkunu sostnuti sabiex is-suq jibqa' jiġi fornut b'riżerva ta' proġetti, inklużi proġetti fuq skala iżgħar; jemmen li l-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz fil-livell reġjonali jew lokali se jipprovdi aċċess aħjar għall-mekkaniżmi ta' finanzjament;

9. Jilqa' l-proposta tal-Patt Ekoloġiku Ewropew dwar il-pjattaformi miftuħa; jenfasizza li dawn għandhom ikunu trasparenti, f'diversi livelli u inklużivi, jinkludu firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u jippermettu li l-frammentazzjoni fis-settur tal-bini titnaqqas; ifakkar li l-pjattaformi jridu jservu l-objettiv li sal-2050 jinkiseb stokk ta' bini b'użu ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat, u jemmen li dawn għandhom ikunu l-għodda li tindirizza l-ostakli għar-rinnovazzjoni u tinvolvi liċ-ċittadini biex jilħqu kunsens abbażi tal-ħtiġijiet komunitarji;

([21]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640).

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

10. Jissottolinja li l-pjattaformi reġjonali għandhom jistabbilixxu miri li jistgħu jitkejlu u jaħdmu lejn pjanijiet direzzjonali u jżommu skambji regolari mal-pjattaformi eżistenti ta' Azzjoni Miftiehma tal-EED, l-EPBD u d-Direttivita dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) ([22]), kif ukoll mal-aġenziji u l-korpi eżistenti fl-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom; jinsab konvint li l-pjattaformi huma għodda importanti għall-implimentazzjoni ta' programmi integrati ta' rinnovazzjoni tal-bini u biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-eżekuzzjoni tal-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħhom;

11. Jieħu nota tal-Karta l-Ġdida ta' Leipzig li għandha tiġi adottata matul il-Presidenza Ġermaniża u jaqbel mal-fehma li l-bliet għandhom rwol ewlieni fit-tnaqqis drastiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika; iqis li rinnovazzjoni tal-bini se tikkontribwixxi bil-kbir għal dawn l-objettivi filwaqt li se tippromwovi bliet ġusti, ekoloġiċi u produttivi permezz ta' viċinati reżiljenti; jistieden lill-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-bliet ikunu mgħammra bir-riżorsi ta' finanzjament meħtieġa u direttament aċċessibbli għall-miżuri ta' rinnovazzjoni speċjalment fid-dawl tal-ħtieġa tal-irkupru ekonomiku;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta politika li tiffaċilita l-IRPs fil-livell komunitarju u reġjonali fl-Istati Membri li jipprevedu rinnovazzjonijiet estensivi, inklużi rinnovazzjonijiet estensivi fi stadji, u li tqis il-ħtiġijiet tal-bini b'mod inklużiv u interattiv; jenfasizza l-opportunità li jiġu żgurati aktar soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post u fil-qrib jew jintalbu mekkaniżmi ta' rispons permezz tal-IRPs; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-ħidma fuq il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija u l-mekkaniżmu EU City Facility; jenfasizza wkoll f'dan il-kuntest l-importanza kbira tal-aġenda urbana u tas-sħubija urbana;

13. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-amministrazzjonijiet lokali tagħhom biex iniedu l-IRPs fil-livell tal-viċinat u dak komunitarju, filwaqt li jpoġġu liċ-ċittadini fiċ-ċentru u jirrikonċiljaw adegwatment ir-rinnovazzjoni mal-preservazzjoni tal-wirt storiku tanġibbli Ewropew (monumenti u bini), filwaqt li jirrikjedu li l-awtoritajiet lokali jagħtu feedback dwar ir-riżultati miksuba, kif ukoll dwar l-aħjar prattiki għat-tfassil ta' politika futura fil-livell nazzjonali;

14. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu qafas biex jingħelbu l-inċentivi opposti, pereżempju permezz tal-għoti ta' informazzjoni preċiża, inċentivi xierqa u infurzar effettiv ([23]), u jagħtu kunsiderazzjoni adegwata lill-familji u l-komunitajiet li jgħixu fil-faqar enerġetiku permezz ta' qafas regolatorju biex jiġu evitati r-rinnovizzjonijiet, pereżempju, billi jkun meħtieġ li sehem xieraq minn parti tal-art ta' bini rinnovat b'mod estensiv tkun riżervata għalihom, jew permezz ta' prijoritizzazzjoni ta' bini b'konsum ogħla ta' enerġija jew ħela ta' enerġija meta jitfasslu IRPs, u permezz ta' limiti fuq żidiet fil-kera, sakemm dan ma jirrestrinġix il-kapaċità li jsiru rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini, kif ukoll toħroġ linji gwida ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-kunċetti tal-qafas ta' abilitazzjoni u ta' kundizzjonijiet ekwi għall-komunitajiet tal-enerġija introdotti mid-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku ([24]) u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED), sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess u biex jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ il-benefiċċji ta' proġetti tal-enerġija mmexxija miċ-ċittadini;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi minnufih pjattaformi kif indikat fil-komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tinkludi dawn il-pjattaformi bħala prijorità ewlenija fl-IRPs; jenfasizza li l-IRPs għandhom ikunu akkumpanjati minn inizjattivi tal-UE li jiċċirkolaw l-aħjar prattiki dwar ir-replikabbiltà tal-programmi, it-tixrid tal-kapaċitajiet, l-integrazzjoni settorjali u s-salvagwardji għall-komunitajiet f'qagħda ta' faqar enerġetiku, f'konformità mal-impenji tal-EPBD;

([22]) Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210); Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75); Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([23]) Castellazzi, L., Bertoldi, P., Economidou, M., *Overcoming the split incentive barrier in the building sectors: unlocking the energy efficiency potential in the rental & multifamily sectors*, il-Lussemburgu, uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, 2017, https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC101251/ldna28058enn.pdf

([24]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Finanzjament

17. Jenfasizza li l-kostijiet tal-investiment inizjali, l-iskemi finanzjarji kumplessi, l-inċentivi opposti (id-dilemma bejn il-kerrej u s-sid), il-perjodi ta' rkupru medji/fit-tul, l-ostakoli regolatorji u amministrattivi, inkluż għall-bini b'diversi sjieda, id-disinn ta' appoġġ eżistenti u n-nuqqas ta' qafas ta' politika prevedibbli fit-tul jaġixxu bħala ostakoli sinifikanti għall-investimenti;

18. Jenfasizza li, fil-kuntest tal-irkupru tal-COVID-19 u l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi u privati, l-iskemi ta' finanzjament għandhom jinċentivaw u jipprijoritizzaw ir-rinnovazzjonijiet estensivi, inklużi dawk fi stadji, bil-għan li jintlaħqu l-miri tan-newtralità klimatika tal-2050, b'inċentivi adegwati, kif ukoll b'miri, sabiex jinkiseb stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat; jemmen li din hija prekundizzjoni biex jiġu kkunsidrati r-rinnovazzjonijiet tal-bini bħala investimenti sostenibbli fit-tul; jissottolinja r-rwol tal-indikaturi tal-kosteffettività inklużi l-kobenefiċċji f'dan ir-rigward;

19. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jipprovdu linji gwida ċari u jiddeskrivu azzjonijiet immirati li jistgħu jitkejlu, kif ukoll jippromwovu aċċess ugwali għall-finanzjament, inkluż għall-partijiet bl-agħar rendiment tal-istokk tal-bini nazzjonali, konsumaturi b'faqar enerġetiku, akkomodazzjoni soċjali, u unitajiet domestiċi soġġetti għal dilemma ta' inċentivi opposti, filwaqt li titqies l-affordabilità;

20. Jenfasizza li s-sidien tad-djar, partikolarment dawk bi dħul baxx u fqar fl-enerġija, l-assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-kooperattivi, il-fornituri tal-akkomodazzjoni pubblika u l-awtoritajiet lokali għandhom ikunu appoġġati biex jagħmlu l-istokk tal-bini u l-ambjent mibni tagħhom reżiljenti għall-klima, pereżempju permezz ta' għotjiet jew strumenti finanzjarji abbażi tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), tal-baġits nazzjonali u ta' sorsi tas-settur privat;

21. Iqis li l-prijoritizzazzjoni ta' finanzjament għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fil-bini f'kull fond Ewropew rilevanti hija meħtieġa, kif ukoll koordinazzjoni b'saħħitha biex jinstabu sinerġiji, jiġi ffaċilitat it-taħlit, jiġu aggregati proġetti u jinħolqu riservi ta' proġetti, sabiex jiġi żgurat l-assorbiment f'waqtu tal-fondi; jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji jiddedikaw riżorsi sinifikanti għall-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika; jissotolinja li tal-inqas EUR 75 biljun fis-sena f'inċentivi tal-UE flimkien ma' fondi kontinwi u stabbli fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali kif ukoll investiment privat huma meħtieġa biex jiġu żgurati rinnovazzjonijiet estensivi lejn stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat sal-2050; jistieden lill-koleġiżlaturi jiżguraw il-finanzjament meħtieġ fi ħdan il-pjan Ewropew ta' rkupru ekonomiku, mhux l-inqas biex jgħinu lil dawk fis-soċjetà li kieku jibbenefikaw l-aktar mir-rinnovazzjonijiet;

22. Jilqa' s-sejbiet li juru li hemm primjum tal-prezz għal bini b'użu effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija ([25]), li jiżgura li s-sidien tal-bini jkollhom redditu fuq l-investiment, iżda jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni b'mod ġenerali;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess adegwat u sempliċi għall-kreditu u l-finanzjament biex jiġu megħjuna l-SMEs, il-komunitajiet u l-familji bil-ħsieb li jwettqu r-rinnovazzjonijiet meħtieġa fuq l-istokk tal-bini eżistenti;

24. Jilqa' l-prattiki u l-istrumenti finanzjarji disponibbli possibbli bħas-sussidji ekoloġiċi u l-inċentivi fiskali u ta' self favur l-ambjent; jirrikonoxxi r-rwol tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) fil-finanzjament ta' proġetti tal-effiċjenza enerġetika u fid-definizzjoni tal-effiċjenza enerġetika bħala għan speċifiku għall-iżvilupp reġjonali fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027; jissottolinja r-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jipprovdi self, garanziji u strumenti finanzjarji, bħall-Finanzjament Privat għall-Effiċjenza fl-Enerġija (PF4EE), il-faċilità ta' garanzija tal-Finanzjament Intelliġenti għal Bini Intelliġenti, u l-Fond InvestEU, anke biex ikun jista' jsir finanzjament ta' proġetti ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali;

([25]) Hyland, Marie, Lyons, Ronan, Lyons, Sean, *The value of domestic building energy efficiency – evidence from Ireland, Energy Economics*, Vol. 40, 2012; Mangold, Mikael, Österbring, Magnus, Wallbaum, Holger, Thuvander, Liane, Femenias, Paula, *Socio-economic impact of renovation and retrofitting of the Gothenburg building stock, Energy and Buildings*, Vol. 123, 2016.

25. Jiġbed l-attenzjoni għall-prattiki tajba tal-Istati Membri bħall-użu tad-dħul mill-skema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS), it-taħlit, l-iżgurar li l-ħtiġijiet ta' unitajiet domestiċi bi dħul baxx ikunu rikonoxxuti u l-użu ta' fondi reġjonali tal-UE bħala garanziji u fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw; jenfasizza li hemm il-possibbiltà li jiġi ffinanzjat it-taħriġ fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll fl-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi bis-saħħa tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;

26. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu r-rati ta' assorbiment tal-fondi billi jitneħħew l-ostakoli, speċjalment permezz ta' assistenza teknika kriterji anqas kumplessi u simplifikazzjoni tat-taħlit ma' fondi oħra; jiddispjaċih mill-fatt li d-daqs tal-proġetti skont il-faċilità tal-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA) għadu kbir, u li proġetti iżgħar u proġetti li jittrattaw il-komunitajiet jeħtieġu aktar appoġġ u aggregazzjoni; iqis l-EU City Facility bħala mekkaniżmu ta' appoġġ potenzjalment b'saħħtu ħafna għall-bliet biex jiżviluppaw IRPs, li għandu jitkompla u jagħti appoġġ anke lil proġetti iżgħar;

27. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-għotjiet għar-riċerka u l-innovazzjoni: iqis li huwa neċessarju li jiġi pprovdut finanzjament kontinwu u stabbli għal IRPs, kemm minn sorsi Ewropej kif ukoll minn sorsi nazzjonali, mingħajr interruzzjonijiet ikkawżati minn miżuri ta' ppjanar baġitarju differenti;

28. Iqis li l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-IRPs kollha jwarrbu fondi biex jiġu indirizzati l-faqar enerġetiku, l-aċċessibilità u l-ostakli tekniċi u infrastrutturali għal familji vulnerabbli u bi dħul baxx, b'mod li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn akkomodazzjoni adegwata, b'saħħitha u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u jkunu parti minn programmi ta' rinnovazzjoni tal-viċinat; jitlob l-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bi strumenti finanzjarji innovattivi bħal finanzjament tal-bini u skemi, inklużi ipoteki effiċjenti fl-enerġija, self EuroPACE u self RenOnBill;

29. Jinnota r-rwol kemm tal-awtoritajiet reġjonali kif ukoll tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju permezz ta' self tas-settur pubbliku li se jinċentiva l-banek kummerċjali, il-fondi tal-pensjonijiet u s-settur privat, speċjalment l-SMEs, biex jinvestu aktar fir-rinnovazzjoni tal-bini, pereżempju permezz ta' garanziji pubbliċi ta' kreditu u metodi innovattivi ta' finanzjament;

30. Jirrikonoxxi r-rwol li mudelli kummerċjali ġodda bħall-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija, ir-rinnovazzjonijiet immexxija miċ-ċittadini, il-komunitajiet tal-enerġija u l-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija jistgħu jiżvolġu fir-rinnovazzjonijiet u b'mod partikolari, finanzjament li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ għall-akkomodazzjoni soċjali, il-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-parks kummerċjali; jissottolinja l-ħtieġa li l-intensità tal-finanzjament tintrabat mal-livell ta' effiċjenza enerġetika miksub kif meħtieġ mill-EPBD u jissuġġerixxi li jiżdied primjum fuq il-bini b'enerġija pożittiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ linji gwida ta' implimentazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti fil-pakkett dwar l-enerġija nadifa għall-Ewropej kollha, b'mod partikolari toħloq qafas ta' abilitazzjoni billi titlob li jsiru konsultazzjonijiet regolari biex jiġu mifhuma l-ħtiġijiet tas-suq, u jinkoraġġixxi t-taħlit ta' fondi privati u pubbliċi, l-użu ta' mudelli ċari għal kuntratti u proċeduri ta' akkwist speċifiċi bi kjarifiki ulterjuri dwar il-kontabbiltà korretta għall-investimenti pubbliċi relatati mal-effiċjenza tal-bini;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-miri tal-effiċjenza enerġetika 'l fuq, kif mitlub mid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, l-ewwel nett billi tiżdied il-mira ewlenija għall-2030 abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt xierqa u b'mod prevedibbli, u tipproponi rati ta' rinnovazzjoni annwali minimi għall-bini u miżuri ta' politika li jiżguraw rinnovazzjonijiet estensivi, inklużi rinovazzjonijiet estensivi fi stadji li joħolqu skattaturi finanzjarji u stabbiltà tal-investiment;

32. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jiżguraw li l-fondi rispettivi tal-QFP il-ġdid jagħtu prijorità lill-ammonti ddedikati għall-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjonijiet tal-bini, b'kundizzjonijiet u skadenzi ċari, inkluża l-assistenza teknika, biex jiġu żgurati rati ta' assorbiment adegwati; jenfasizza l-importanza tal-garanziji tal-UE għall-investimenti, it-taħlit ta' sorsi ta' finanzjament, kif ukoll il-komponenti tal-għotja biex jiġu skattati rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika residenzjali; jirrikonoxxi r-rwol u l-mudell ta' suċċess tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (li se jkun sostitwit minn InvestEU); jitlob prijoritizzazzjoni ta' finanzjament għall-effiċjenza enerġetika tal-bini fi ħdan it-tieqa tal-infrastruttura sostenibbli ta' InvestEU u għar-riżerva ta' ammonti ddedikati għall-effiċjenza enerġetika bħala objettiv speċifiku għall-iżvilupp reġjonali li jrid jiġi rifless fil-Ftehimiet ta' Sħubija rispettivi tal-Istati Membri ffirmati mal-Kummissjoni;

33. Jistieden lill-Kummissjoni telimina l-ostakoli finanzjarji u mhux finanzjarji għal rati ta' assorbiment ogħla ta' fondi reġjonali mwarrba għal rinnovazzjoni integrata tal-bini sal-2021;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

34. Jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità tal-faċilità ELENA u tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jagħtu kemm assistenza finanzjarja u teknika mfassla apposta u diretta lill-awtoritajiet lokali, kif ukoll gwida speċifika lill-Istati Membri fil-kuntest tal-pjanijiet ta' rkupru tal-COVID-19;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà li jintuża d-dħul tal-ETS għal azzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika bħar-rinnovazzjonijiet tal-bini, inklużi mekkaniżmi ta' salvagwardji kontra fluttwazzjonijiet, u l-fattibbiltà li jiġi allokat porzjon tad-dħul mill-iskambju tal-kwoti fil-livell tal-UE; jistieden lil Bank Ewropew tal-Investiment u lill-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu appoġġ lill-iżviluppaturi tal-proġetti tul iċ-ċiklu tal-proġett u jistabbilixxu proporzjon ta' għotja fiss biex jagħmlu r-rinnovazzjonijiet attraenti u affordabbli għaċ-ċittadini;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu mudelli flessibbli għas-sinerġiji ta' programmi u strumenti finanzjarji differenti għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika fil-bini; jitlob, barra minn hekk, f'konformità mar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([26]), li jiġi adottat approċċ ta' kosteffettività għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fil-bini; iħeġġeġ monitoraġġ bir-reqqa tal-kosteffettività tal-programmi operattivi abbażi tal-kostijiet għal kull unità ta' CO_2 iffrankata; jemmen ukoll li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-amministrazzjonijiet nazzjonali jirrispettaw il-prinċipji ta' kosteffettività u ta' effikaċja għall-fini ta' ffrankar tal-enerġija meta jagħtu flus tal-UE għal proġetti ta' rinnovazzjoni;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita ulterjorment l-użu ta' sħubijiet pubbliċi u privati (PPPs), bħall-PF4EE, relatati ma' finanzjament intelliġenti u sostenibbli, u l-identifikazzjoni ta' kunċetti ta' investiment lokali possibbli;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, li jinkludu investimenti minn intraprizi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), sabiex toħloq qafas ta' abilitazzjoni għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tippromwovi l-IRPs, inkluża l-installazzjoni jew ir-rinnovazzjoni tas-sistemi ta' tisħin distrettwali permezz ta' proċeduri semplifikati u livelli limitu adegwati, kif ukoll skemi ta' skrappjar għall-apparati tat-tisħin li jaħdmu bil-fjuwils fossili u apparati ineffiċjenti meta jiġu ssostitwiti b'tisħin individwali jew kollettiv abbażi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jew tisħin eċċessiv; jissottolinja, madankollu, li kwalunkwe reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għandha primarjament tikkontribwixxi għal trattament indaqs u aktar kompetizzjoni;

Teknoloġiji tal-kostruzzjoni u materjali tal-bini

39. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż, it-tul ta' żmien, l-effikaċja, l-affidabbiltà u l-integrazzjoni biex jiżdiedu l-IRPs bil-ħolqien ta' swieq ta' rinnovazzjoni miftuħa u kompetittivi, bil-produzzjoni industrijali ta' elementi prefabbrikati sostenibbli, kif ukoll bir-rikonoxximent tal-potenzjal tat-teknoloġiji eżistenti fl-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'materjali tal-bini, li jistgħu jintużaw bħala elementi ta' kisi multifunzjonali għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti, u biex dawn jiġu utilizzati fir-rinnovazzjonijiet serjali u distrettwali; jissottolinja r-rwol tal-prefabrikazzjoni ta' komponenti mhux fuq il-post fl-aċċelerazzjoni, l-iskala u l-kosteffettività; jinnota li diġà jeżistu fl-Istati Membri l-aħjar prattiki dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-bini f'partijiet tal-bini differenti li issa jeħtieġ jiġu replikati u intensifikati biex jinkisbu r-riżultati; jenfasizza l-benefiċċju ta' sforzi akbar ta' riċerka f'dan il-qasam;

40. Jenfasizza l-importanza tal-flessibbiltà fl-għażla ta' teknoloġiji użati għar-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni; jemmen li t-teknoloġiji disponibbli kollha għandhom jiġu applikati f'approċċ orjentat lejn l-objettiv biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini; jissottolinja li l-użu tal-enerġija rinnovabbli għandu rwol kruċjali f' din id-dekarbonizzazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' tisħin u tkessiħ distrettwali dekarbonizzati bi ħżin integrat għal komunitajiet aktar konnessi u integrati; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv u jinċentivaw l-integrazzjoni sħiħa tal-enerġiji rinnovabbli fis-settur tal-bini;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-programmi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) għall-materjali tal-kostruzzjoni effiċjenti u, fid-dawl tas-sitwazzjoni soċjali, jitlob li tiġi implimentata sistema tat-tisħin ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli bi spejjeż baxxi fiż-żoni rurali u remoti; jinnota l-aħjar prattika Daniża li tikkonċerna d-dekarbonizzazzjoni tas-sħana permezz tan-networks ta' tisħin distrettwali ta' sidien mill-Komunità mħaddma mis-sħana solari, mill-pompi tas-sħana u mill-bijomassa;

([26]) Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-28 ta' April 2020 intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività", https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=53483

42. Jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu infurmati u jingħataw inċentivi biex jissostitwixxu teknoloġiji qodma u ineffiċjenti għat-tisħin u t-tkessiħ b'soluzzjonijiet moderni, effiċjenti ħafna u rinnovabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' sostituzzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu li l-fjuwils fossili, speċjalment il-gass naturali, bħalissa għandhom rwol fis-sistemi tat-tisħin tal-bini; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproponu skemi ta' skrappjar bi qbil mal-ekonomija ċirkolari u jużaw it-tikkettar u l-pariri dwar l-effiċjenza waqt l-eżamijiet ta' rutina sabiex jaċċelleraw is-sostituzzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu pjan direzzjonali għat-tneħħija gradwali tat-teknoloġiji tat-tisħin u t-tkessiħ abbażi tal-fjuwils fossili bħala parti mill-NECPs tagħhom;

43. Jirrimarka r-rwol ta' tmexxija tal-Ewropa fil-bini ta' fotovoltajċi integrati; jissuġġerixxi li t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli b'mod ġenerali jiġu rikonoxxuti bħala katina tal-valur strateġika ewlenija u jissuġġerixxi wkoll programm solari Ewropew għall-enerġija fuq il-bejt għall-mewġa ta' rinnovazzjoni li ġejja;

44. Jissottolinja l-importanza tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" li jkun integrat fil-politiki u l-miżuri kollha, anke fit-tnaqqis tal-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin, it-tkessiħ u l-użi tal-ilma sħun u tal-enerġija għat-tidwil u l-ventilazzjoni, filwaqt li jġib l-elettrifikazzjoni tad-domanda residwa permezz tal-enerġija rinnovabbli flimkien ma' pompi tat-tisħin jew sistemi effiċjenti ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali bl-użu tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll fil-ġestjoni u l-flessibbiltà tad-domanda;

45. Jirrimarka l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakoli, sabiex jitjieb l-aċċess għall-grilja, inkluża, fost l-oħrajn, il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni u semplifikazzjoni tal-permessi għall-SMEs, u jissottolinja l-ħtieġa li l-IRPs jiġu ppjanati sabiex jinkisbu sinerġiji, pereżempju, fl-aċċessibbiltà għall-bini, fis-sikurezza sismika u kontra n-nirien, fl-elettromobbiltà (inkluż l-installazzjoni ta' kejbils minn qalbel u l-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi), fit-titjib tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-ħolqien ta' spazji, soqfa u ħitan ekoloġiċi, li jtejbu l-ġestjoni tal-ilma u jgħinu biex tiżdied il-bijodiversità urbana;

46. Ifakkar li l-aspetti ta' sikurezza kontra n-nirien għandhom jitqiesu waqt id-disinn, mal-għażla tal-materjali, il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u t-tħaddim tal-bini sabiex titjieb il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, is-soppressjoni bikrija, l-evakwazzjoni, il-kompartimentazzjoni, ir-reżistensza strutturali u t-tifi tan-nar, kif ukoll il-kompetenzi rilevanti tal-professjonisti involuti fid-disinn, il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni;

47. Iqis li l-bini effiċjenti fl-enerġija għandu jkun b'saħħtu, affordabbli, sikur u sostenibbli; jissottolinja l-importanza tal-enerġija inkorporata, is-sostenibbiltà fil-bini, l-effiċjenza fir-riżorsi, il-kumditàtermali, kwalità tal-arja mtejba, klima ta' ġewwa tajba kif ukoll l-approċċi taċ-ċiklu tal-ħajja f'konformità mal-ekonomija ċirkolari u l-ħtieġa li l-istrateġija dwar ambjent ta' bini sostenibbli tieħu approċċ olistiku u integrat; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu inklużi elementi passivi u naturali fid-disinn tal-bini u l-potenzjal enormi tal-isfruttar tal-uċuħ tal-bini, fejn l-ambjent mibni jinbidel fi produttur deċentralizzat tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jiġu salvati żoni tal-art u tal-pajsaġġ;

48. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ġestjoni adegwata u ta' tnaqqis tal-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni; jinnota li għandhom jinħolqu skemi ta' ġbir u ta' teħid lura u faċilitajiet ta' separazzjoni biex jiġi żgurat it-trattament xieraq u sikur tal-iskart kollu tal-kostruzzjoni, kif ukoll għar-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid ta' materjali tal-bini, għall-immaniġġjar sikur, it-tneħħija u s-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluži fil-flussi tal-iskart sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-okkupanti u tal-ħaddiema, kif ukoll tal-ambjent; jemmen li għandha tiġi stabbilita sistema ta' tikkettar tal-ekonomija ċirkolari, abbażi ta' standards u kriterji ambjentali għall-materjali marbuta mal-potenzjal tagħhom li jidħlu mill-ġdid fil-katina tal-valur b'mod faċli u b'enerġija baxxa, speċjalment billi jitqies ir-rwol tal-materja prima sekondarja; jinnota li l-approċċ eżistenti tad-Dikjarazzjoni Ambjentali dwar il-Prodotti jrid jitwessa' u li għandu jintuża bħala input għall-valutazzjoni tal-bini bħall-qafas Level(s); jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri konkreti dwar dawn il-kwistjonijiet bħala parti mill-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari u l-istrateġija għal ambjent mibni sostenibbli;

49. Jenfasizza li l-bliet se jkunu dejjem aktar soġġetti għal temperaturi ogħla fis-sajf minħabba t-tibdil fil-klima; jenfasizza wkoll il-benefiċċji multipli tas-soluzzjonijiet ta' infrastruttura ekoloġika fit-titjib tal-kwalità tal-arja, il-kumditàu r-reżiljenza klimatika, billi sostanzjalment inaqqsu t-talba għall-enerġija, jgħinu jirrestawraw iċ-ċiklu tal-ilma u jappoġġaw il-bijodiversità urbana, filwaqt li jikkontribwixxu għall-prinċipji ta' cirkolarità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinċentivaw l-użu ta' materjali tal-bini naturali u baxxi fl-emissjonijiet tal-karbonju, it-tqegħid ta' soqfa u ħitan ekoloġiċi, uċuħ friski u tekniki oħra passivi waqt rinnovazzjonijiet maġġuri tal-bini u l-kostruzzjoni ta' bini ġdid; jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn il-kunsiderazzjonijiet u tippromwovi soluzzjonijiet ta' infrastruttura ekoloġika u karatteristiċi ta' bijodiversità fl-inizjattiva tal-mewġa ta' rinnovazzjoni;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

50. Ifakkar li materjali sostenibbli tal-bini bħall-injam ċertifikat huma essenzjali biex jinkiseb stokk tal-bini b'karbonju baxx u fit-tul, u li l-kostruzzjoni tiftaħ opportunità biex il-karbonju jinħażen fi prodotti tal-bini b'bażi bijoloġika fil-limiti ta' disponibbiltà sostenibbli;

51. Jenfasizza l-importanza li jiġu riveduti l-istandards armonizzati eżistenti sabiex jiġi kopert ir-rendiment tas-sostenibbiltà tal-prodotti għall-bini li għandhom ikunu koerenti mal-approċċ Ewropew komuni għall-kalkolu taċ-ċiklu tal-ħajja u l-istandards Ewropej eżistenti, jiġifieri EN 15978 għall-bini u EN 15804 għall-prodotti għall-bini; jisħaq fuq il-fatt li, meta jiġu ddisinjati rinnovazzjonijiet, l-impatt tal-enerġija u l-klima taċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-bini għandu jiġi ottimizzat f'konformità mal-objettivi tal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jitqiesu l-effetti tal-manifattura, tal-użu u tad-disinn għar-riċiklabbiltà tal-prodotti u tal-iskart tal-kostruzzjoni u t-tagħmir meħtieġ għat-tiswija; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn fl-istrateġija dwar l-ekonomija ċirkolari u, sal-2021, tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini ([27]) sabiex tippermetti funzjonament tajjeb tas-suq intern ta' dawn il-prodotti u tippremja r-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika bil-għan li tappoġġa r-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni ta' bini effiċjenti ħafna fl-enerġija;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tidentifika l-aħjar prattiki biex l-IRPs jinkludu wkoll il-bini storiku u ta' wirt kulturali; jirrikonoxxi l-ispeċifiċità u l-fraġilità tal-bini ta' wirt kulturali, u jemmen li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-protezzjoni tal-bini u r-rendiment akbar tal-enerġija jistgħu jkunu rikonċiljati filwaqt li jissottolinja li r-rinnovazzjoni tal-bini ta' wirt kulturali għandha dejjem issir skont ir-regoli nazzjonali ta' konservazzjoni, il-Karta ta' Venezja tal-1964 għall-Konservazzjoni u r-Restawr tal-Monumenti u s-Siti, u l-arkitettura oriġinali;

53. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat iffrankar reali tal-enerġija permezz ta' verifika minn esperti ċċertifikati u sorveljanza tar-rendiment tal-enerġija wara r-rinnovazzjoni, peress li dan se jiżgura rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja, opportunitajiet ta' investiment imtejba u kosteffettività akbar ([28]);

54. Jistieden lill-Istati Membri jimmassimizzaw u jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjali, inkluż fl-istrateġiji ta' akkwist tagħhom u fi proġetti ta' rinnovazzjoni u kostruzzjoni ffinanzjati pubblikament, pereżempju billi jirieżamaw il-miri ta' akkwist pubbliku ekoloġiku (APE) ([29]) u billi jintegraw il-kriterji tal-effiċjenza enerġetika, ambjentali u soċjali għar-rinnovazzjonijiet tal-bini, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fl-offerti pubbliċi; ifakkar fl-importanza ta' materjali tal-bini miksuba lokalment sabiex jiġu ppreservati t-tradizzjonijiet tal-bini, jiġi żgurat materjal li jkun l-aktar adattat għall-kundizzjonijiet klimatiċi ta' kull reġjun u jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-ispejjeż tat-trasport;

Standards, ħiliet u bini tajjeb għas-saħħa

55. Jissottolinja l-importanza tal-benefiċċji kollaterali b'rekwiżiti ta' rinnovazzjoni fil-punti ta' skattar, billi tali rekwiżiti mhux biss iwasslu għall-iffrankar tal-enerġija iżda wkoll iżidu l-valur tal-proprjetà u jipprovdu appoġġ għall-ostakoli bħal inċentivi opposti; jemmen li rinnovazzjoni estensiva inkluża rinnovazzjoni estensiva tal-bini fi stadji bl-aqħar rendiment għandha tingħata prijorità b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti standards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (MEPS) li huma essenzjali għall-investiment fir-rinnovazzjoni u għandhom japplikaw b'mod orizzontali, filwaqt li tkun ibbażata fuq it-tikketti tal-enerġija nazzjonali eżistenti; iqis li tali miżuri huma ta' benefiċċju għall-okkupanti u jistgħu jgħinu biex joħorġu liċ-ċittadini mill-faqar enerġetiku ([30]); josserva l-livelli baxxi ta' rinnovazzjonijiet estensivi b'rata mistennija ta' 0,2 %; jissuġġerixxi l-eżami u l-introduzzjoni ta' rati minimi ta' rinnovazzjoni sabiex jintlaħqu l-miri tan-newtralità klimatika tal-2050;

56. Jissottolinja li MEPS li jsiru progressivament aktar stretti jgħinu biex jitħaddmu strateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul meta jiġu ppjanati u implimentati b'mod gradwali korrettament, u tinħoloq sigurtà tal-investiment għas-suq, speċjalment jekk dawn ikunu akkumpanjati minn tisħiħ tal-kapaċitajiet, pariri mfassla apposta, assistenza teknika u appoġġ finanzjarju;

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

([28]) Qorti Ewropea tal-Awdituri, op. cit.

([29]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 bit-titolu "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar" (COM(2008)0400).

([30]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (SWD(2016) 0414).

57. Jitlob approċċ ibbażat fuq l-evidenza aktar b'saħħtu li, bl-użu ta' data affidabbli u msaħħa, jippermetti li l-effiċjenza enerġetika fil-bini u l-miżuri kosteffettivi jiġu stmati b'mod preċiż, filwaqt li jrawwem kundizzjonijiet ekwi għall-"aħjar prattiki" f'soluzzjonijiet kosteffettivi fl-UE;

58. Jinsab konvint li l-introduzzjoni ta' passaport ta' rinnovazzjoni tal-bini maħsub biex iħeġġeġ, jikkoordina u jżomm rendikont ta' titjib kontinwu u jimmonitorja l-profondità tar-rinnovazzjoni u r-rendiment fl-użu tal-enerġija hija ta' benefiċċju għas-sidien tad-djar, l-operaturi tal-bini u l-kerrejja, li għandu jkollhom aċċess għall-passaport tar-rinnovazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li dan il-passaport ta' rinnovazzjoni għandu jkun għodda komuni tal-UE adattata għall-partikolaritajiet nazzjonali u reġjonali biex tindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-eteroġeneità tal-istokk tal-bini u tkun allinjata maċ-ċertifikat ta' rendiment tal-enerġija eżistenti tal-bini;

59. Jenfasizza l-importanza li l-informazzjoni dwar il-bini tiġi kkonsolidata f'għodda diġitali unika; iqis li dan għandu jinkludi l-potenzjal għaċ-ċirkolarità tal-materjali, l-evalwazzjoni tal-fatturi tal-kwalità tal-arja ġewwa l-bini, inkluż minn perspettiva ta' saħħa u sikurezza, u indikaturi sodi bbażati fuq l-għodod u l-istandards ambjentali eżistenti;

60. Jenfasizza l-importanza u l-potenzjal tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-pjan ta' rkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 għat-taħriġ u l-kwalifiki tal-ħaddiema fis-setturi tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni, u għat-titjib tal-ħiliet u ta' ħiliet ġodda tal-ħaddiema f'reġjuni milquta, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;

61. Jenfasizza li l-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini għandhom dejjem iwasslu għal binjiet tajbin għas-saħħa u mingħajr moffa, filwaqt li titqies il-kwalità ambjentali ta' ġewwa (IEQ); jenfasizza li r-reviżjoni tal-istandards għall-kwalità tal-arja, il-kundizzjonijiet termiċi u aspetti oħra tas-saħħa relatati mal-ambjent fuq ġewwa u aspetti ta' kumditàli jinkludu dawl suffiċjenti matul il-jum u ventilazzjoni mekkanika, jikkontribwixxu għas-saħħa u l-produttività tal-utenti tal-bini u jtejbu r-rendiment tagħhom fix-xogħol jew fit-tagħlim kif ukoll fl-iffrankar sinifikanti fil-benefiċċji soċjali, b'hekk jonqsu l-ispejjeż pubbliċi tal-Istati Membri u tibbenefika l-ekonomija tal-UE u taċ-ċittadini kollha tagħha;

62. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat livell adegwat ta' għarfien dwar il-manutenzjoni u l-użu tal-bini mill-professjonisti u mill-okkupanti tal-bini, inkluża bidla fl-imġiba, biex jinkisbu b'mod sħiħ il-benefiċċji assoċjati ma' żieda fir-rendiment tal-enerġija;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tvara inizjattiva tal-ħiliet u informazzjoni tal-UE fis-settur tar-rinnovazzjoni u tal-bini, li tkun tinkludi dimensjoni tal-ġeneru, sabiex tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati fit-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'enfasi fuq l-impjiegi, b'mod partikolari biex tattira liż-żgħażagħ jaħdmu fis-settur tar-rinnovazzjoni; jissottolinja li l-iżgurar tal-kwalità, il-konformità u s-sikurezza jirrikjedu li l-professjonisti involuti matul il-fażijiet ta' disinn u kostruzzjoni/rinnovazzjoni jkunu fil-pussess ta' kompetenzi u ħiliet adegwati, u li dan jinkludi l-intermedjarji, bħall-installaturi, il-periti jew il-kuntratturi; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija nazzjonali għat-titjib tal-ħiliet fis-settur tal-kostruzzjoni li tiffoka fuq l-effiċjenza enerġetika, is-sostenibbiltà tal-materjali u ċ-ċirkolarità, tekniki passivi u l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli inkluż l-awtokonsum u s-soluzzjonijiet diġitali u jipprovdu appoġġ speċifiku lill-ħaddiema fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-ħiliet u l-innovazzjoni għall-IRPs permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie mmirati u l-programm Erasmus+ u tistabbilixxi missjoni ta' Orizzont Ewropa dwar ir-rinnovazzjoni tal-komunitajiet u tal-inħawi fil-qrib, kif ukoll l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACE) biex tippromwovi u timplimenta alleanza ta' ħiliet strateġiċi għas-settur tal-kostruzzjoni bil-għan li jitfassal u jitwassal kontenut ta' taħriġ komuni biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-ħiliet eżistenti; jistieden ukoll lill-individwi, lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet jagħmlu użu mill-Proġett Pilota ta' Garanzija tal-Ħiliet u tal-Edukazzjoni u minn skemi simili għat-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u tal-edukazzjoni fis-setturi tar-rinnovazzjoni;

65. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika valutazzjonijiet tal-impatt fil-fond tat-tipoloġiji tal-bini, tal-okkupanti u tas-sidien sal-2022 u tiżviluppa qafas leġiżlattiv, bil-ħsieb li jiġu introdotti MEPS għall-bini eżistenti li jridu jsiru progressivament stretti matul iż-żmien f'konformità mal-objettiv tal-2050; jissottolinja li tali standards jgħinu fit-tħaddim tal-perkors lejn stokk ta' bini ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat sa mhux aktar tard mill-2050, u jistgħu jagħtu viżibbiltà u sigurtà lis-suq fir-rigward tat-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti; jisħaq fuq il-fatt li l-MEPS fil-livell nazzjonali għandhom ikunu akkumpanjati minn pakkett komprensiv ta' miżuri ta' politika li jinkludi tal-inqas informazzjoni u provvista ta' pariri mfassla apposta għaċ-ċittadini u appoġġ ta' finanzjament xieraq;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

66. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu passaporti ta' rinnovazzjoni diġitali tal-bini mħaffa sal-2025, inkluża taqsima li tipprovdi informazzjoni dwar it-titjib tal-kwalità tal-arja interna u tal-bini tajjeb għas-saħħa;

67. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa "kalkulatur tal-klima tal-UE" (ECC) bħala parti mill-"mewġa ta' rinnovazzjoni" tagħha li jiżgura tikkettar preċiż u faċli biex jinftiehem għall-materjali, il-prodotti u s-servizzi tal-bini relatati mar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tal-UE fit-tħejjija lejn l-2050; jisħaq fuq il-fatt li l-ECC għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-atturi ewlenin li jagħmlu parti mill-impronta tal-gassijiet serra (GHG) tal-IRPs, jew li huma relatati magħha, fi ħdan l-istokk tal-bini tal-UE u li tali "approċċ olistiku" jagħti lok għal effetti pożittivi fuq l-imġiba taċ-ċittadini, l-industriji u l-SMEs tal-UE; jisħaq fuq il-fatt li l-kunċett għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex tiġi xprunata d-domanda għal prodotti "magħmula fl-Ewropa" li ma jagħmlux ħsara lill-klima, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-bini tal-UE; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tuża metodi xjentifiċi diġà magħrufa meta tistma l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, pereżempju billi tieħu ispirazzjoni mill-"impronta ambjentali tal-prodotti" tagħha;

68. Jitlob li r-reviżjoni li jmiss tal-EED tinkludi livell ogħla ta' ambizzjoni fl-Artikoli 3, 5 u 18 u li jiġi żviluppat approċċ ġdid lejn id-definizzjoni tal-istandards tal-bini li jikkonformaw mal-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija meta tkun qed tiġi riveduta l-EPBD;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-impatt taċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EPCs) fl-Istati Membri u ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet eżistenti; jinnota li l-affidabbiltà, il-konsistenza u l-komparabbiltà tal-EPCs madwar l-UE għandhom jittejbu sabiex l-EPCs ikunu jistgħu jsiru għodda tas-suq affidabbli li tivvaluta r-rendiment u l-kwalità tal-bini, speċjalment għas-settur finanzjarju;

Diġitalizzazzjoni u data affidabbli

70. Iqis id-diġitalizzazzjoni bħala faċilitatur għall-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-sistema tal-enerġija permezz tal-ġenerazzjoni distribwita, il-ħżin, il-flessibbiltà u l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-settur; jissottolinja r-rwol tad-diġitalizzazzjoni u tad-data fl-aċċellerazzjoni tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tar-riżultati tal-pjanijiet ta' rinnovazzjoni, kif ukoll għal ippjanar u ġestjoni tal-enerġija aktar effiċjenti;

71. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-affidabbiltà u n-nuqqas ta' data relatata mal-bini u tqis kif użu ulterjuri tad-diġitalizzazzjoni jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv sabiex jiġi żgurat approċċ b'saħħtu bbażat fuq l-evidenza meta jiġu adottati politiki relatati mal-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu diġitalizzati l-bażijiet tad-data nazzjonali tal-EPC, id-data dwar il-bini u informazzjoni oħra dwar il-kostruzzjoni li għandhom ikunu disponibbli meta ssir applikazzjoni għal passaport diġitali tal-bini u applikazzjonijiet oħra tal-bini intelliġenti;

72. Iqis l-"Internet tal-Oġġetti" bħala mezz biex jitkejjel l-impatt reali tar-rinnovazzjoni tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u bħala fattur abilitanti ta' strateġiji ta' rinnovazzjoni kosteffettivi fuq skala kbira; jenfasizza ir-rwol potenzjali li l-intelliġenza artifiċjali integrata jista' jkollha fl-analiżi u fil-monitoraġġ, l-immaniġġjar u l-aġġustament tad-data dwar il-konsum tal-enerġija fil-bini;

73. Iqis li d-diġitalizzazzjoni tal-bini u t-teknoloġiji tal-kostruzzjoni huma xprunaturi ewlenin għal aktar effiċjenza enerġetika; jistieden lill-atturi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej kollha involuti jiżvolġu rwol proattiv fil-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni;

74. Jenfasizza l-benefiċċji ta' netwerks ta' kapaċità għolja ħafna għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni biex irawmu djar intelliġenti, li huma mifhuma bħala dawk integrati f'ekosistema tal-enerġija diġitali usa' li tippermetti li l-bini jibbenefika minn u jipprovdi funzjonalitajiet intelliġenti u jippermetti l-integrazzjoni u l-iffrankar tal-enerġija f'diversi setturi tal-ekonomija, inkluża r-reazzjoni min-naħa tad-domanda u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-enerġija fil-bini bħal apparat intelliġenti, apparat ta' awtomatizzazzjoni għad-dar, pompi tas-sħana elettriċi, ħżin tal-batteriji, punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u miters intelliġenti fost teknoloġiji diġitali oħra; jilqa' l-għan tal-EPBD riveduta li tkompli tippromwovi t-teknoloġiji ta' bini intelliġenti, permezz tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza (SRI) bħala għodda ta' sostenn fil-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini u fis-sensibilizzazzjoni fost is-sidien u l-okkupanti tal-bini dwar il-valur tal-awtomatizzazzjoni fil-binjiet u sistemi ta' kontroll (BACSs) għar-rendiment ġenerali tal-bini li l-applikazzjoni tagħhom skont l-Artikoli 14 u 15 għandhom jitwessgħu;

75. Jenfasizza l-importanza ta' grilji intelliġenti bħala fatturi abilitanti għall-integrazzjoni effiċjenti tal-enerġija rinnovabbli fil-grilji tal-elettriku u jinkoraġġixxi t-tfittxija għal opportunitajiet ġodda b'interfaċċji mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSOs) u mal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni (DSOs) għal effiċjenza enerġetika u servizzi tal-elettriku aħjar; jisħaq li bini intelliġenti konness ma' nanogrilji jew mikrogrilji jista' jiżgura titjib fl-istabbiltà tal-provvista tal-elettriku u disponibbiltà tas-sistemi ta' tisħin/tkessiħ;

76. Jissottolinja li d-dritt għall-akkomodazzjoni u d-drittijiet tal-konsumatur jirrikjedu salvagwardji soċjali, il-protezzjoni tad-data, ir-rispett għall-privatezza u l-kunsens f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR); jisħaq li s-soluzzjonijiet diġitali pprovduti waqt ir-rinnovazzjonijiet għandhom ikunu intuwittivi, sempliċi u interoperabbli filwaqt li l-installazzjoni tagħhom trid tkun akkumpanjata mit-taħriġ, l-informazzjoni u l-appoġġ meħtieġa għall-okkupanti; jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali mhux intrużivi f'dan ir-rigward;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-ħtieġa li tirrevedi r-rekwiżiti tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fl-EPBD; jisħaq fuq il-fatt li infrastruttura tal-iċċarġjar intelliġenti hija prekundizzjoni għaż-żieda fl-elettromobbiltà nadifa;

Mewġa ta' rinnovazzjoni

78. Iqis il-mewġa ta' rinnovazzjoni bħala opportunità biex jinkiseb stokk ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija u newtrali għall-klima sal-2050 permezz ta' pjan ta' azzjoni għal IRPs b'enfasi fuq il-komunitajiet, speċjalment għal dawk f'faqar enerġetiku, u biex jiġu pprovduti binjiet tajbin għas-saħħa, deċenti, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fejn in-nies jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tintlaħaq il-mira ta' emissjonijiet netti żero għall-2050, li jistgħu jiġu implimentati f'sinerġija sħiħa wkoll mal-istrateġija industrijali ġdida għall-Ewropa, l-istrateġija tal-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali, l-istrateġija tal-ekonomija ċirkolari, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u l-istrumenti għall-rkupru, kif ukoll l-istrateġiji dwar kif l-Ewropa tista' tiġi adattata għall-era diġitali;

79. Jinsab konvint li l-mewġa ta' rinnovazzjoni tista' ttaffi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, billi tistimula l-ekonomiji nazzjonali u lokali, u, pereżempju, tħeġġeġ impjiegi ta' kwalità għolja u essenzjali fl-industriji tal-kostruzzjoni u tal-enerġija rinnovabbli u tappoġġa ħaddiema ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jammontaw għal 97 % tas-settur, u li fl-aħħar mill-aħħar dan jagħti bidu għal opportunitajiet multipli u diversi benefiċċji li jistgħu jinkisbu permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba fl-istokk tal-bini Ewropew, inklużi kobenefiċċji soċjali u ambjentali; jenfasizza li l-mewġa ta' rinnovazzjoni jista' jkollha rwol importanti f'irkupru sostenibbli u tista' tkun ċentrali għal kwalunkwe pjan ta' rkupru ta' wara l-COVID-19; jenfasizza, għalhekk, li l-Kummissjoni ma għandhiex iddewwem din il-proposta u għandha tieħu ħsieb li tipprovdi ħarsa ġenerali tal-għażliet kollha ta' finanzjament disponibbli;

80. Jesiġi implimentazzjoni ambizzjuża tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa; jissottolinja r-rwol tal-NECPs biex l-opportunitajiet fis-settur tal-bini jiġu massimizzati; jikkonferma d-dedikazzjoni tiegħu li jsegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-infurzar tal-miżuri inklużi fl-EPBD riveduta;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" ċentrali għall-proċess ta' rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini tal-UE f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija;

82. Jilqa' l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul (LTRSs) tal-Istati Membri fl-istabbiliment ta' objettivi intermedji tal-2030 u l-2040 biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dewmien sinifikanti ta' xi Stati Membri biex jissottomettu l-LTRSs tagħhom; jistieden lil dawn l-Istati Membri jaħtfu l-opportunità ħalli jikkonformaw mal-obbligi ġuridiċi tagħhom skont l-EPBD u jissottomettu l-LTRSs imdewma; iħeġġeġ lill-gvernijiet jimplimentaw politiki innovattivi biex jinvolvu liċ-ċittadini b'mod attiv fi programmi tal-effiċjenza enerġetika; iqis li l-LTRSs għandhom jiġu rikonoxxuti bħala strument ewlieni għall-ippjanar, il-kejl tal-progress u l-ilħuq tal-objettivi tal-effiċjenza enerġetika;

83. Jenfasizza li għandu jinkiseb stokk tal-bini dekarbonizzat b'effiċjenza enerġetika għolja permezz ta' tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija bl-implimentazzjoni ta' politiki b'saħħithom u li jippermettu l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jkopru l-ħtiġijiet residwi b'enerġija rinnovabbli; jissottolinja li r-rinnovazzjoni tal-bini għandha tiġi integrata ma' sforzi usa' biex tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-enerġija u tmur id f'id mal-investimenti pereżempju f'networks tal-enerġija

distrettwali u pompi tas-sħana effiċjenti billi jittieħed approċċ tas-sistema/distrettwali li jintegra l-miżuri potenzjali kollha tal-effiċjenza bħall-irkupru ta' sħana eċċessiva; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu definiti azzjonijiet konkreti li jwettqu l-potenzjali identifikati għal koġenerazzjoni u tisħin distrettwali b'effiċjenza għolja; jenfasizza li dan l-approċċ sistemiku huwa meħtieġ sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni għal ekonomija effiċjenti ħafna fl-enerġija, ibbażata għalkollox fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jiġi żgurat l-allinjament mal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal inqas minn 1,5 °C;

84. Jilqa' l-avviż li sar mill-Kummissjoni biex jiġu promossi rinnovazzjonijiet fl-iskejjel, l-isptarijiet u d-djar għal dawk fil-bżonn, partikolarment l-istokk tal-bini pubbliku, li spiss ikun fl-agħar kundizzjoni; jenfasizza, madankollu, l-isfida tal-indirizzar tal-istokk kbir tal-bini residenzjali li jirrappreżenta 75 % tal-ispazju ta' art mibni fl-UE;

85. Jaqbel mal-analiżi li hemm għadd kbir ta' benefiċċji li jakkumpanjaw ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fil-bini bħat-tagħlim aħjar, l-irkupru aktar malajr, u l-fatt li n-nies jinħarġu mill-faqar enerġetiku; jindika t-titjib fil-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika, it-titjib fil-kumdità termika, u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni; jitlob l-inklużjoni sistematika ta' dawn il-benefiċċji fl-IRPs;

86. Jistieden lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' komunikazzjoni transsettorjali, speċifiċi għall-pajjiż u mfassla apposta għad-diversi opportunitajiet u l-benefiċċji varji miksuba permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini, kif ukoll jipprovdu informazzjoni dwar il-punti uniċi ta' servizz u l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli, inkluż mil-livell tal-UE;

87. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-miżuri tal-mewġa ta' rinnovazzjoni fil-leġiżlazzjoni l-ġdida u riveduta tal-UE u tirrieżamina l-miri tal-klima u l-enerġija għall-2030 filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà u kosteffiċjenza, biex tippermetti sinerġiji bejn l-atti differenti ta' leġiżlazzjoni u li għandhom jitpoġġew fuq trajettorja lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li tiżgura li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, inkluża r-rinnovazzjoni tal-bini tiġi integrata bħala politika ewlenija biex timtela l-lakuna fil-miri għall-2030; jissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għas-sidien u l-kerrejja;

88. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-LTRSs u toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li jenfasizzaw kemm il-lakuni eżistenti kif ukoll l-aħjar prattiki; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni u tirrevedi l-LTRSs tagħhom kull 5 snin f'konformità maċ-ċiklu ta' rendikont tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCC) u mal-arkitettura ta' żieda tiegħu, sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettiv ta' stokk tal-bini ferm effiċjenti fl-użu tal-enerġija u newtrali għall-klima; jistieden lill-Istati Membri jħaddnu l-LTRSs bħala għodda biex jiġu stabbiliti stimolu u perkors ta' rkupru ekonomiċi, li jirrikjedi l-finalizzazzjoni ambizzjuża, dettaljata u urġenti tagħhom; jitlob lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex iressqu l-LTRS tagħhom bħala kwistjoni ta' urġenza;

89. Jitlob li s-settur tal-bini u s-setturi ta' rinnovazzjoni, speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, jiġu inklużi fil-pakketti ta' rkupru; jitlob li tingħata prijorità lill-investimenti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini lejn stokk tal-bini effiċjenti ħafna fl-enerġija u bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli fil-pjan ta' stimolu ekonomiku;

o

o o

90. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u lill-Istati Membri.